# PRESEPJI MAHDUMA FIR-RAMEL

Il-presepjista ghandu ghazla kbira ta’ materjal li minnu jahdem l-presepju tieghu. Jista’ juza’ gebel tal-gagazza, polesterene (il-jablo) il-karta bil-kolla, gibs, hadid u materjal iehor. Presepju li qed jigbed l-attenzjoni u l-ammirazzjoni ta’ min jaf japprezzah huwa dak mahdum mir-ramel tal-bahar.

Esebizzjonijiet ta’ din il-kwalita ta’ presepju isiru f’diversi bliet gewwa l-Ewropa, fosthom f’ Rimini, Torre Pedrera, u Marina di Ravenna fl-Italja. Imma l-aktar esebizzjoni msemmija hija dik ta’ Jesolo.

Bosta artisti minn madwar id-dinja jingabru go dan il-post hdejn il-bahar biex jahdmu presepji mir-ramel monumentali taht tinda tal-kanvas biex tipprotegihom mill-qilla ta’ l-elementi u anke mill-vandalizmu. Fost il-pajjizi li jiehdu sehem hemm artisti mill-Amerka,Olanda, Renju Unit, Repubblika Ceca, Kanada, Spanja, Portugall u r-Russja. L-esebizzjoni li ilha tinzamm sa mis-sena 2001 tiehu arja ta’ 470 metri kwadri u jintuzaw madwar 1000 metru kubu jew 1500 tunellati ta’ ramel. Maghrufa wkoll bhala Jesolo Sand Nativity u tattira bosta visitaturi bl-ahhar edizzjoni tigbed lejha madwar 100,000 ruh. Iddum miftuha mit-8 ta’ Dicembru sal 31 ta’ Jannar.

Ta’ kull sena l-esebizzjoni jkollha skultura specjali dedikata ghal dawk il-persuna li hadmu ghall-paci. Fosthom kien hemm l-papa Giovanni Pawlu II, Mahatma Ghandi, Madre Tereza minn KALKUTTA, Papa Giovanni XXIII, Nelson Mandela etc.

Ta min isemmi li d-dhul huwa b’xejn izda xi flus li jinghataw bil-generosita’ ta’ vizitaturi jmorru ghal- assocjazzjonijiet umanitari.

Dawn il-presepji jinhadmu mir-ramel u l-ilma wara li l-artist jikseb tahlita omogenja. Imbaghad il-hila ta’ l-iskultur flimkien ma’ ghodda semplici tohrog fil-berah l-idea li jkollu f’mohhu.










[jesolo]



jesolo




Slaten Magi
-2010
Bellaria


IT-TWELID
TA' GESU'
RIMINI

